28 ta' Frar, 1953

Imhallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija versus Salvatore Saliba

Estinzjoni ta' l-Azzjoni Penali - "Bis in Idem" - Inseparabilita' Guridika u Inseparabilita' Accidentali - Art. 521 tal-Kodici Kriminali.

Biex jista' jinghad li hemm estinzjoni ta' l-azzjoni minhabba sentenza precedenti, hemm bżonn li jkun l-istess fatt, fiżikament kunsidrat;u mhux biżżejjed li jinghad li l-fatt sar fl-istess kontest ta' azzjoni, u ntant ikun materjalment distingwibili.

Ghaldaqstant, jekk wiehed jingurja persuna ohra bil-kliem u, sija pure immedjatament wara jibbestemmja, hemm fatti li huma distingwibili materjalment, ghalkemm fl-istess kontest ta' azzjoni fis-sens ta' sekwenza immedjata; u meta jigi mputat talli bbestemja, ma jistax jinvoka l-estinzjoni ta' l-azzjoni minhabba l-fatt li huwa gie precedeutement kundannat ghall-ingurji.

F'każ simili lanqas jista' jinghad li hemm assorbiment minhabba inse-

*parabilità; għax l-inseparabilità jeħtieġ li tkun ġuridika u mhux aċċidentali, mentri l-passaġġ mill-kliem inġurjuż għad-dagħa huwa effett tal-kalkolu tad-delinkwent.*

*Hemm ipotesi oħra fejn l-eċċezzjoni ta' l-estinzjoni tista' tingħata b'suċċess, ċioè meta l-Pulizija tkun iddeduċiet ċertu titolu ta' imputazzjoni għal ċertu fatt, u mbagħad il-Pulizija terġa' tipproċedi fuq l-istess fatt b'imputazzjoni tat-titolu maġġuri.*

Dan hu appell tal Prosekuzzjoni fuq punt ta' dritt:

L-imputat kien ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta biex jirrispondi għall-imputazzjoni li tkellem faħxi fil-pubbliku:

Il-Maġistrat, bis-sentenza tiegħu tas-26 ta' Diċembru 1952, irritjena illi, peress li l-fatt li fuqu kienet bażata l-imputazzjoni sar fl-istess kontest li fih l-imputat inġurja lil Rosina Gauci, u peress li l-imputat kien ġà ġie kundannat għal dawn l-inġurji fit-12 ta' Diċembru 1952 fil-kawża privata "Gauci vs. Saliba", għalhekk ma setax jiġi sottopost għal azzjoni kriminali oħra; u lliberah;

Trattat l-appell, din il-Qorti rriflettiet;

Biex jista' jingħad li hemm l-estinzjoni ta' l-azzjoni minħabba sentenza preċedenti, hemm bżonn li jkun l-istess fatt, fiżikament rigwardat (ara art. 521 Kap. 12). Ma hux biżżejjed li jingħad li sar fl-istess kontest ta' azzjoni, u ntant ikun materjalment distingwibili;

F'dan il-każ, l-imputat inġurja lil Rosina Gauci u, sija pure immedjatament wara, ibbestemmja bl-isem tal-Madonna, skond ix-xhud ta' l-akkuża u salva kull prova tiegħu fil-meritu. Kien hemm għalhekk żewġ fatti, materjalment distingwibili, għalkemm fl-istess kontest ta' azzjoni fis-sens ta' sekwenza immedjata;

Il-każ oppost jillustra d-distinzjoni bejn każ u ieħor. Dan kien il-każ "Pulizija vs. Giuseppe Pace", deċiż minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannar 1939. Pace kien imsejjaħ biex jirrispondi għall-imputazzjoni ta' storbju bil-għajjat u ġesti oxxeni. Hu kien ġà ġie kundannat f'kawża privata talli nġurja lil ċerta Busuttil. Irriżulta li l-kliem inġurjużi pproferihom b'leħen għoli, u li l-inġurja kienet tikkonsisti f'dawk il-kliem li hu qal igħajjat u f'dawk il-ġesti. Issa, peress li l-imputazzjoni ta'

storbju kienet in riferenza ghall-ghajjat ta' dawk il-kliem inġurjużim u l-gesti kienu dawk l-istess ġesti nġurjuzi ghall-indirizz ta' Busuttil, ghalhekk il-fatt f'dan il-każ kien l-istess materjalment, u kien hemm l-estinzjoni ta' l-azzjoni. Hi cara d-differenza mill-każ preżenti;

Hemm ipotesi ohra li fiha tista' tinghata b' suċċess din l-eccezzjoni ta' estenzjoni ta' azzjoni, cioe' meta l-Pulizija tkun iddeduciet certu titolu ta' imputazzjoni in bażi ghal ċertu fatt (it-titolu minuri), u jkun hemm deċiżjoni, u mbaghad il-Pulizija terġa tipproċedi fuq l-istess fatt b'imputazzjoni tat-titolu maġġuri; per eżempju, bniedem ikun ferixxa iehor, jiġi mputat ta' offiża ljevi, jiġi kundannat fuq daqshekk, imbaghad l-offiża tirriżulta gravi, u tiġi avanzata l-imputazzjoni ta' offiża gravi; hemm f'każ simili l-ostakolu tas-sentenza ta' qabel (ara, bhala "locus classicus" "Rex vs. Rosaria Portelli 23. 2. 1904, Vol. XIX - IV - I).

Fil-każ prezenti lanqas kien hemm assorbiment minhabba inseparabilita' tkun ġuridika, u anqas accidentali; mentri f'dan il-każ il-passaġġ mill-kliem inġurjuż lejn Rosina Gauci u d-dagha bl-isem tal-Madonna kien effet tal-kalkolu tad-delinkwent;

Ghal dawn ir-raġunijiet tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-Prosekuzzjoni thassar is-sentenza appellata, u tordna li jiġi trattat il-meritu quddiem din il-Qorti, skond il-liġi, fis-seduta tat-28 ta' Marżu 1953.